Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 226/2014/1

**A.F. Ellis (Home Decor) Ltd (appellanti)**

**Vs**

**Ir-Reġistratur tal-Qorti (Malta) u Raymond Azzopardi, Maria Theresa Azzopardi u Henry u Judith konjuġi Azzopardi għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2019 il-qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Glenn Azzopardi, Caroline Camilleri u Charlene Azzopardi bħala ko-werrieta ta' misserhom (appellati)**

30 ta' Lulju, 2019.

1. B'sentenza tas-6 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba tas-soċjeta rikorrenti sabiex tordna l-varjazzjoni li ħareġ ir-Reġistratur fir-rigward tal-kawża **A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et** – rikors 988/2008JZM) deċiża mill-Prim'Awla fil-15 ta' Meju, 2014. F'dik il-kawża l-attriċi talbet tnaqqis ta' prezz li ħallset għax-xiri ta' appartament, minħabba diskrepanza fil-kejl li rriżultalha. It-talbiet kienu jaqraw:

> *"1. Tiddikjara illi l-kejl tal-fond mibjugh mill-konvenuti lis-socjeta` attrici kif premess hu izghar minn kif muri fuq il-pjanta allegata u mmarkata bhala Dok. "E" mal-kuntratt ta` bejgh fl-atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina tad-9 ta` Ottubru 2006.*
>
> *2. Tiddikjara illi tali differenza fil-kejl jintitola lis-socjeta` attrici illi titlob tnaqqis fil-prezz tal-bejgh tal-istess fond.*
>
> *3. Tikkomputa, prevja occorrendo bl-opera ta` perit nominandi, l- ammont illi ghandu jitnaqqas mill-prezz imhallas mis-socjeta` attrici lill- konvenuti ghall-bejgh tal-fond de quo permezz tal-kuntratt sucitat.*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk komputat fil-proporzjon li huma rcevew il-prezz ghall-fond de quo.*
>
> *Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittri interpellatorji tal-1 ta` Ottubru 2007, tat-8 ta` Jannar 2008, tas-27 ta` Marzu 2008 u tal-10 ta` Settembru 2008".*

2. Il-Prim'Awla ddeċidiet il-kawża billi:

> *"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :*
>
> *Tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Henry u Judith konjugi Azzopardi ;*
>
> *Tilqa` l-eccezzjonijiet ta` l-konvenuti Raymond Azzopardi u Maria Theresa Azzopardi ;*
>
> *Tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici ;*
>
> *Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza".*

3. Fir-rikors tal-appell, ir-rikorrenti ilmentat li r-Reġistratur:

   i. ma tax spjegazzjoni għalfejn id-dritt tar-Reġistru nħadem fuq somma ta' €6,424.70 filwaqt li d-dritt tal-avukat kien kalkolat fuq il-minimu tal-kompetenza tal-Prim'Awla;
   ii. ma ta l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn intaxxa l-erba' talbiet b'mod separat meta t-talbiet huma konsegwenzjali għal xulxin. Id-dritt tal-avukat kellu jkun intaxxat għal darba waħda biss;
   iii. naqas milli jvarja d-dritt tar-reġistru tal-konvenuti kif għamel d-dritt tar-reġistru tal-attur.

4. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

5. Ir-Registratur (seduta tat-13 ta' Jannar, 2016) xehed (fol. 38):

> *"Ngħid li aħna ħadna l-valur li jirriżulta mill-proċess li kien l-ammont ta' sitt elef erba' mija erbgħa u tletin point sebgħin ewro u dan jirriżulta fol. 129 ta' dak il-proċess u ntaxxajna fuq il-minimum ta' kompetenza tal-Prim'Awla bħala valur u dan skont l-Artikolu 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 u t-talbiet l-oħrajn ġew intaxxat skont l-Artikolu 15A bħala point of law".*

6. **Fl-ewwel aggravju** r-rikorrenti tilmenta li d-dritt tal-avukati ma kienx intaxxat *ad valorem* fuq is-somma ta' €6,424.70, kif sar fir-rigward tad-dritt tar-reġistru. Fil-kawża 988/2008 ir-rikorrenti talbet likwidazzjoni tas-somma li kellha titnaqqas mill-prezz li ħallset meta xtrat il-fond oġġett tal-kawża (tielet talba).

Talba li r-Reġistratur intaxxa *ad valorem*. Ma jidhirx li hemm diżgwid f'dan ir-rigward is-somma rilevanti li tirriżulta mill-atti ta' dik il-kawża hi €6,434.70. Il-qorti fehmet li:-

i. kien il-perit tekniku li nkarigat il-qorti li ffissa dik is-somma;
ii. id-dritt tar-reġistru kien kalkolat fuq is-somma ta' €6,434.70 tant li fit-taxxa finali r-rikorrenti ngħatat rimbors;
iii. id-dritt tal-avukat kien kalkolat fuq is-somma ta' €11,646 li fiż-żmien relattiv kien il-minimu tal-kompetenza tal-Prim'Awla;
iv. F'dan l-aggravju, l-ilment jirrelata għad-dritt tal-avukat.

7. Il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti għandha raġun. It-tielet talba kienet sabiex jiġi likwidat dik il-parti tal-prezz li r-rikorrenti kienet qegħda tippretendi li għandha jedd li titħallas lura. Rilevanti hu paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> *"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi* ***jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13,* ***fuq il-valur hekk stabbilit****".*

8. F'dan il-każ il-valur stabbilit mill-proċess (bl-Ingliż *'records of the proceedings'*) kien €6,434.70. Il-kliem *'fuq il-valur hekk stabbilit'* ma jħalli l-ebda dubju lill-qorti li t-taxxa kellha ssir fuq dik is-somma u mhux fuq il-minimu tal-valur għal finijiet ta' kompetenza *ratione valoris* quddiem il-Prim'Awla. Il-qorti ma taqbilx mar-Reġistratur li l-fatt li l-kawża kienet preżentata fil-Prim'Awla, ifisser li l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet mill-inqas ta' €11,646. Dik hi assunzjoni tar-Reġistratur. Ma nġiebet l-ebda prova li hemm xi prova f'dak is-sens fl-atti tal-kawża 988/2008. Ir-Reġistratur ma ċċita l-ebda paragrafu fit-Tariffa E li fiż-żmien meta nħarġet it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji, id-dritt tal-avukat kellu jkun intaxxat fuq valur b'*minimum* ta' €11,646. Meta xehed ir-Reġistratur għamel riferenza għall-paragrafi 13 u 14 ta' tariffa E, pero' l-qorti ma ssibx li dawk il-paragrafi għandhom x'jaqsmu mal-komptenza ratione valoris tal-Prim'Awla.

9. **It-tieni aggravju** hu li *"d-dritt tal-avukat kellu jiġi ntaxxat ad valorem darba biss fuq l-ammont riżultanti a fol.129"*. Ir-rikorrenti semmiet ukoll li t-talbiet kienu konsegwenzjali għal xulxin. Il-qorti hi tal-fehma li r-Reġistratur għamel sew meta ntaxxa kull talba. Irrispettivament jekk it-talbiet humiex konsegwenzjali għal xulxin, b'kull talba ir-rikorrenti kienet qegħda tfittex dikjarazzjoni mingħand il-qorti u dwarha ngħatat deċiżjoni. Kif osserva r-Reġistratur, il-paragrafu 15(a) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 jagħmilha ċara li r-Reġistratur għandu jintaxxa kull dikjarazzjoni. Il-Prim'Awla ddeċidiet fuq kull talba tar-rikorrent u ċaħdithom kollha. Għaldaqstant, kull talba kellha tiġi ntaxxata irrispettivament kinux konsegwenzjali għal xulxin.

10. **Bit-tielet aggravju** r-rikorrenti tilmenta li r-Reġistratur kellu jvarja d-dritt tar-reġistru tal-konvenuti kif għamel fir-rigward tad-dritt tar-reġistru li orġinarjament kien intaxxat meta ppreżentat il-kawża. Paragrafu 3(2)(a) ta' Tariffa 'A' jipprovdi:

> *"(2)(a) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1, mal-preżentata ta' xi nota tal-eċċezzjonijiet, tweġiba jew xi att ieħor tal-proċedura preżentat bħala risposta għal talba u li jkun maħsub biex jikkontesta, kompletament jew parzjalment, talba magħmula f'Qorti ta' Prima Istanza, għandhom jiġu intaxxati wkoll id-drittijiet imsemmija fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, iżda dawn għandhom jitnaqqsu bi ....................................... 50%"*

11. It-Tariffa 'A' mhijiex tikkontempla l-possibilta' li fl-aħħar tal-kawża r-Reġistratur jirrevedi l-ispejjeż tat-tweġiba bl-eċċezzjonijiet skont il-valur finali stabbilit f'dawk il-proċeduri. Ma jirriżultax li r-Reġistratur għandu xi obbligu li joħroġ mit-Tariffa, li jirrevedi l-ispejjeż tat-tweġiba bl-eċċezzjonijiet wara li tingħata s-sentenza finali. Wieħed irid jiftakar ukoll li f'dan il-każ id-dritt tar-reġistru hu mnaqqas b'50% tad-dritt tar-reġistru li jitħallas mill-attur meta jippreżenta kawża, u dan irrispettivament tal-eċċezzjonijiet li jingħataw. Għalhekk mhuwiex każ ta' *like with like*.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta'**

**Diċembru 2017 u tiddeċiedi li d-dritt tal-avukat u prokuratur legali għandu jiġi ntaxxat fuq is-somma ta' sitt elef erba' mija u erbgħa u tletin ewro u sebgħin ċenteżmu (€6,434.70). Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kumpannija rikorrenti u r-Reġistratur.**

Anthony Ellul.